# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 865/01**

**Numru 26**

**Giovanni Schembri Limited**

**vs**

**Anthony Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm3748.48 (tlett elef, sebgha mija u tmienja u erbghin lira maltin u tmienja u erbghin centezmu) rappresentanti ammont bilancjali lis-socjeta attrici dovut ghall-merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra legali tal-4 ta' April 2001 u bl-imghax legali mis-17 ta' Novembru 2000 data ta' l-ahhar konsenja, kif jidher

mill-istatmenet anness Dok A sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u 3 tal-atti u markati bhala dokument wiehed ossija "Dok A"

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-7 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3748.48,0 bl-imghax legali mill-17 ta' Novembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' April 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur